20 ta' Jannar, 1956

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Giuseppina Ciancio pr. et ne. *versus* Michele Buontempo

## Soċjetà — Mewt ta' Soċju — Komunjoni — Likwidazzjoni — Rendikont

*Huwa veru li l-mewt ta' soċju f'soċjetà kontratta "intuitu personae" tipproduċi x-xoljiment tas-soċjetà; però hija ineżatta l-opinjoni illi soċjetà dixxjolta tittrasforma ruħha f'sempliċi komunjoni. Kwin-*

*di ma huz korrett li jinghad b'mod assolut li dik is-soċjetà ma teżistix aktar; inveċe hu korrett li jinghad li s-soċjetà tibqa' teżisti bhala realtà ġuridika u bhala enti separat u distint, limitatament ghall-finijiet tar-regolament u definizzjoni tar-rapporti bejn is-soċi jew l-eredi taghhom. Ikun hemm, ghalhekk, stat ta' indiviżjoni; u l-azzjoni proprja tal-eredi tas-soċju l-mejjet kontra s-soċju l-iehor, li kellu l-amministrazzjoni tas-soċjetà f'idejh, hija dik tar-rendikont, naxxenti minn dak l-istat ta' komunjoni, u mhux dik tal-likwidazzjoni. U mhix attendibbli l-eċċezzjoni ta' dak is-soċju li kellha tintalab il-likwidazzjoni tas-soċjetà, u mhux rendikont tal-amministrazzjoni ta' dak is-soċju mill-ġurnata tal-mewt tas-soċju li miet.*

Il-Qorti—Rat l-att ta' ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Taghha r-Reġina, li bih l-attriċi proprio et nomine, wara li ppremettiet illi hija proprjetarja, kwantu ghal nofs, tan-negozju maghruf bhala "Ciancio Photo Studio" u "Oxford Studio" f'Rahal il-Ġdid, peress illi l-istess negozju kien jappartjeni lill-mejjet Giuseppe Ciancio, żewġha u missier il-minorenni fuq riferiti, u lill-konvenut, nofs kull wiehed, kif jirriżulta minn skrittura tal-11 ta' Novembru 1944 (li hija ma ghandhiex kopja taghha), u minn sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tas-27 ta' Lulju 1950, konfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tal-20 ta' Novembru 1950; liema negozju huwa amministrat mill-konvenut; talbet illi l-istess konvenut jiġi kundannat jirrendi, fi żmien qasir u perentorju, kont eżatt tat-tmexxija u amministrazzjoni minnu ġestita tan-negozju fuq imsemmi; liema negozju kien jappartjeni kwantu ghan-nofs lill-imsemmi Giuseppe Ciancio; u dan mid-data tal-mewt tal-istess Giuseppe Ciancio, li ġrat fit-22 ta' Mejju 1948, l-hawn: b'riżerva li titlob ir-rendikont, "si et quantus", mit-22 ta' Mejju 1948 l-hemm; u salvi d-drittijiet fuq l-ghodod u l-istrumenti fotografiċi u affarijiet ohra li kienu interament tal-imsemmi Giuseppe Ciancio; bl-ispejjeż;

***Omissis;***

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-17 ta' Mejju 1959, li biha ddeċidiet adveżivament ghall-istanza u ppreffiġġiet lill-konvenut iż-żmien ta' xahar, dekorribbli mill-jum tas-sen-

tenza, sabiex jirrendi l-kont mitlub; l-ispejjeż, barra minn dawk ġa deċiżi, jitħallsu minn għand il-konvenut; wara li kkunsidrat;

*Omissis;*

Dwar il-meritu;

*Omissis;*

Illi l-eċċezzjonijiet fil-meritu huma in sostanza dawn, jiġifieri:—

Illi, indipendentement mill-iskrittura li biha ġiet dixxjolta s-soċjetà — skrittura dikjarata nulla — l-imsemmi Giuseppe Ciancio kien spiċċa mis-soċjetá għaliex ma komplex *id-dmirijiet* tiegħu *skond l-iskrittura tas-soċjetà,* u kwindi, skond l-istess skrittura, tilef id-drittijiet kollha, u l-istudju fotografiku waqa' f'idejn il-konvenut Buontempo;

Illi bil-mewt tal-istess Giuseppe Ciancio ġiet dixxjolta kull soċjetà li seta' kien hemm miegħu, u konsegwentement ma jista' jkun hemm ebda obligu ta' rendikont ta' profitti da parti tal-konvenut, billi wara x-xoljiment *tas-socjetà jidħol* l-istadju ta' komunjoni, u l-konsorti għandu d-dritt jagħmel użu mill-ħwejjeġ komuni mingħajr ma jagħti rendikont, in rigward ta' dak l-użu, fl-istadju tal- likwidazzjoni; u peress li hu żgur, jallega l-konvenut, illi r-riżultat tal-likwidazzjoni juri illi l-imsemmi Guiseppe Ciancio ma kienx intitolat għal *ebda parti mill-attiv* tal-assoċjazzjoni u ma għandux dritt għal sehem mill-qliegħ li seta' sar wara x-xoljiment tas-soċjetà;

Illi, riferibbilment għall-ewwel eċċezzjoni, fl-iskrittura tas-socjetà jingħad hekk.........;

Illi, kwantu għat-tieni eċċezzjoni, l-ewwelnett għandu jiġi *rilevat illi hija* gratuwita l-asserzjoni li r-riżultat tal-likwidazzjoni żgur juri illi Giuseppe Ciancio ma kienx intitolat għal ebda sehem mill-attiv tal-azjenda;

Illi, barra minn dan, huwa veru li l-mewt ta' soċju f'soċjetà kontratta "intuitu personae" tipproduċi x-xoljiment tas-soċjetà, però hija ineżatta l-opinjoni illi soċjetà dixxjolta tittrasforma ruħha f'sempliċi komunjoni. Jekk wieħed jirraġuna rigorożament, isib li għandu jkun hekk; imma d-dottrina u l-ġurisprudenza, biex jevitaw komplikazzjonijiet li

facilment jitfaċċaw kieku kellu jsir dak it-tibdil, jirritjenu illi x-xoljiment, jew *il-terminazzjoni* tas-soċjetà, tbiddel ir-rapport soċjali fi stat ta' indivizjoni bejn is-soċi; imma—u fuq hekk l-iskritturi jaqblu—*is-soċjetà* tkompli teżisti, u l-eżistenza tagħha tibqa' dik ta' persuna morali distinta mis-soċji; għall-finijiet tal-likwidazzjoni f'sens lat tikkomprendi l-operazzjonijiet kollha posterjuri għax-xoljiment tas-soċjetà neċessarji għad-definizzjoni tal-affarijiet mibdijin u għall-ħlas *tad-debiti*, għar-riskossjoni tal-krediti, u għad-determinazzjoni tal-attiv; u f'sens aktar ristrett u aktar ġuridiku tikkomprendi dawk *l-operazzjonijiet* kollha li jsiru fil-perijodu intermedjarju bejn ix-xoljiment u l-formazzjoni tal-massa diviżibbli bejn is-soċji;

Illi, għalhekk, l-attriċi għandha nteress u għandha d-dritt titlob ir-rendikont li qegħedha titlob bl-istanza odjerna;

Rat, fil-fol. 123, il-petizzjoni tal-konvenut Buontempo, li biha dan talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li d-domandi tal-attriċi jiġu miċħuda; bl-ispejjeż;

*Trattat l-appell;*

Ikkunsidrat;

Id-dettalji tal-każ jirriżultaw mis-sentenza appellata, riportata superjorment;

Il-motivi tal-aggravju, dedotti fil-petizzjoni u żvolti fid-dibattitu orali, huma dawn:—

(1) Żewġ l-attriċi, tant qabel kemm wara l-iskrittura *tas-26 ta' Settembru 1946*, ma kienx jattendi regolarment għax-xogħol tiegħu.........;

*(2) L-azzjoni* jmissha kienet dik tal-likwidazzjoni, u mhux tar-rendikont. Mill-mewt ta' Ciancio, is-soċjetà ġiet xjolta, u għalhekk hu inutili kull rendikont qabel ma jkun hemm likwidazzjoni;

Kwantu għall-ewwel aggravju;

*Omissis;*

Kwantu għat-tieni aggravju;

Ma hux korrett li jingħad b'mod assolut li s-soċjetà ma teżistix aktar meta tgħaddi fl-istat tal-likwidazzjoni. Hu

korrett, inveċe,— li jingħad li tibqa' teżisti bħala realtà ġuridika u bħala enti separat u distint limitament għall-finijiet tar-regolament u definizzjoni tar-rapporti bejn is-soċji jew l-eredi tagħhom (ara Navarrini u Vedani, Giurisprudenza sul Codice di Commercio, comm. art. 197, Vol. I, paġ. 466, para. 35-39; Coen, Repertorio, voce Società, para. 807 u 808). Ikun hemm, għalhekk, stat ta' indiviżjoni. Issa, din kienet soċjetà irregolari, u għalhekk, kuntrarjament għal dak li jippretendi l-appellant, l-azzjoni proprja għall-każ kienet, mhux dik tal-likwidazzjoni, imma dik tar-rendikont, naxxenti mill-istat ta' komunjoni ((App. "Callus vs. Morana", 14 ta' Mejju 1945, Vol. XXXII-I-572);

Dan it-tieni gravam hu għalhekk ukoll infondat;

Għal dawn il-motivi u għal dawk tal-Ewwel Qorti;

Tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellant. It-terminu preskritt mill-Ewwel Qorti jibda jgħaddi mil-lum.